## Bowling – Rebbieħa Ġodda fl-10 Edizzjoni tal-MBA Silver Cup

L-għaxar edizzjoni tal-MBA Silver Cup ġara dal-weekend u rajna lil żewġ rebbieħa ġodda - Peter Lyndley mill-kategorija tal-irġiel u Mia Bugeja mill-kategorija tan-nisa. Dan it-turnament kien miftuħ lejn il-membri kollha tal-Malta Bowling Association (MBA) b'medja ta' 170 u inqas għall-irġiel u 165 u inqas għan-nisa.

Mia Bugeja sabet ruħha fl-ewwel post mil-bidu sal-aħħar. Iż-żagħżugħa kkwalifikat għall-finali wara li lagħbet punteġġ medju ta' 182.50 waqt il-fażi tal-kwalifikazzjoni, imbagħad baqgħet fl-ewwel post waqt il-finali li ntlagħbu f'round robin.

Waqt il-finali, il-finalisti kollha (l-aqwa tmien atleti miż-żewġ kategoriji) lagħbu kontra xulxin f'round robin, fejn kull plejer lagħab laqgħa diretta kontra kull finalist - b'kollox, kull finalist lagħab seba' logħbiet. Għal kull laqgħa diretta li ntrebħet, kompetituri kienu ppremjati b'20 punti bonus; dawn il-punti bonus ġew miżjuda fuq il-pinfall totali li l-atleta ġab fuq is-serje ta' seba' logħbiet.



Bugeja reġgħet tejbet il-logħob tagħha waqt il-finali - hi lagħbet is-seba' logħbiet b'punteġġ medju ta' 185.14 biex tkun ir-rebbieħa tas-Silver Cup għal din is-sena. Il-bowler minn Division 2 rebħet 6/7 laqgħat diretti u fil-proċess hi skurjat l-ogħla logħba mill-kategorija tan-nisa fil-finali (226). Minkejja li daħlet ġo din il-kompetizzjoni b'medja ta' 159.81, Bugeja rnexxielha tegħleb il-kompetituri tagħha b'mod dominanti.

Mill-kategorija tal-irġiel, Peter Lyndley kien ir-rebbieħ xokkanti tal-MBA Silver Cup 2022. B'medja ta' 141.61, ħdejn il-parteċipanti l-oħrajn, Lyndley ma kienx favorit mistenni li jirbaħha. Lyndley ikkwalifika għal fażi finali fis-seba' post wara li lagħab serje ta' 1025 fuq sitt logħbiet (skor medju ta' 147.83 + 23 handicap kull logħba). Però, il-bowler veteran minn Division 2 tejjeb il-logħob tiegħu meta kien il-ħin mistenni biex jispiċċa fl-ewwel post. Lyndley rebaħ 6/7 laqgħat diretti u lagħab b'medja ta' 167.71 fis-seba' logħbiet (mingħajr ma ngħoddu il-punti handicap) sabiex jitla' sitt postijiet u jikkonferma ir-rebħa sorpriża tiegħu. Ir-rebbieħ irnexxielu jilħaq l-ewwel post fl-aħħar frejms tal-aħħar logħba; hu spiċċa b'24 punti biss fuq Tomas Caruso - iż-żagħżugħ li spiċċa fit-tieni post.

L-istudent minn NSS Tomas Caruso u l-bowler mill-iskwadra tas-Special Olympics Natasha Bianchi spiċċaw fit-tieni post waqt li l-bowlers adoloxxenti Travis Barbara u Kathryn Fenech spiċċaw fit-tielet post fil-kategoriji rispettivi tagħhom.

## New Champions Crowned at the MBA Silver Cup 2022

The 10th edition of the MBA Silver Cup just took place and crowned two new champions – Peter Lyndley from the male category and youth bowler Mia Bugeja from the female category. Participants eligible to enter this annual tournament were males with a composite average not exceeding 170 and females with a composite average not exceeding 165.

Mia Bugeja led the women's category from start to finish. The teenager qualified for the finals in 1st place after averaging 182.50 in the qualifying round and then also led all girls and women in the round robin finals.

During the latter stage, all finalists (the top 8 after qualifying) faced off in a round robin stage, in which each player faced every other person in a one-on-one to play seven total games. Winning a one-on-one added bonus points to the competitors' total pinfall, derived from the games they played throughout.

Bugeja improved her play during the finals, averaging 185.14 over 7 games to be this year's Silver Cup champion. The Division 2 bowler won 6/7 one-on-ones and rolled the highest game of the finals for her category, scoring a high game of 226 during her triumphant run. She entered the tournament with a registered composite average game of 159.81.

From the men, Peter Lyndley was the unexpected Silver Cup winner of 2022 after a surprising run in the finals. Lyndley qualified as the 7th seed after averaging 147.83 to just make the cut, and seriously improved his game when it mattered the following day to win the tournament. With a composite average of just 141.61 per game, no one expected the veteran Division 2 bowler to win 6/7 one-on-ones in the finals or average 167.71 (not including his 23 handicap) across the 7-game block or to climb from 7th to 1st place to complete his underdog victory. Unlike Bugeja, Lyndley scraped his tournament win in a closely fought contest; the eventual winner only ended the series 24 pins ahead of the runner-up Tomas Caruso.

Runners-up were NSS student Tomas Caruso for the men and Special Olympics bowler Natasha Bianchi for the women. Youth bowlers Travis Barbara and Kathryn Fenech rounded out the podiums in 3rd place.







**Malta Bowling Association**

[www.maltabowling.org](http://www.maltabowling.org)